# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Tnejn tnejn u ghoxrin (22) taʼ Jannar 2018**

**Rikors Numru 168/15 FDP**

**Fl-atti tal-Avviz Nru 168/15**

**Raymond Zammit**
**(250659M)**

**vs**

**Christopher Vella**
**(ID 575379M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta’ ritrattazzjoni ippresentat fit 28 ta’ April 2016 fejn ir-rikorrent Christopher Vella talab is-segwenti:

> *Illi bis-sahha ta' avviz prezentat fit-12 ta' Gunju 2015 l-attur Raymond Zammit talab lil dina l-Qorti tikkundanna lill-esponenti jhallsu s-somma ta sitt elef hames mija u tmintax-il Euro u sbatax-il centezmu (€6,518.17c) rapprezentanti arretrati ta' kera, pendenzi ta' kontijiet ta' dawl u ta' ilma u hsarat relattivament ghall-fond Flat 2, Sunshine Flats, Triq ix-xtutu, Qawra, liema flat kien mikri mill-attur lill-esponenti. L-attur talab ukoll li l-esponenti jigi ordnat mill-istess Qorti jhallas l-ispejjez, l-imghax, u l- ispeijez tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat mill-attur kontestwalment mal-avviz tieghu.*
>
> ….
>
> *Illi kien biss meta l-attur Raymond Zammit ezegwixxa s-sentenza bis-sahha ta’ l-mandat ta’ qbid ezekuttiv numerat 493/16 fl-ismijiet Raymond Zammit vs Chris Vella li l-esponenti sar jaf bil-kawza fuq imsemmija, u dana peress huwa qatt ma gie notifikat biha. L-esponenti ghaldagstant qieghed jintavola dina l-procedura sabiex is-sentenza fuq imsemmija mhassra u l-kawza tigi ritrattata.*

*FATTI TAL KAZ U DISPOZIZZJONIJIET LEGALI APPLIKABBLI*

*Illi l-ewwel darba li l-esponent sar jaf bl-ezistenza ta' dina l-kawza kien meta Marixxalli ta' dina l-Qorti marru jezegwixxu l-Mandat Ta' Qbid Ezekuttiv fuq imsemmi numerat 493/16 - mhux ffirmat minna Avukat - li minnu ma huwiex car jekk giexipprezentat fit-8 jew fid-9 ta' Marzu 2016 tant z-zewg dati jidhru drabtejn fuq l-istess att.*

*Illi meta esponent indaga dwar il-kawza ikkonferma li dina qatt ma kienet giet notifikata lilu. Fil-fatt, jirrizulta li ir-rikors kif ukoll l-avviz ta' smiegh kienu kemm tqassmu minn Marixxali ta' dina l-Qorti fil-fond imsemmi "Charity Shop", Triq il-Qawra, kantuniera ma Triq in-Nauciera, Qawra, u skond ir-referta rellativa thallew f idejn Pauline Reed ID No. 301654M".*

*Illi l-esponenti ma jahdimx f'dana c-Charity Shop (gestit minn The Stray Animals Support Group SASG) li hija non profit voluntary organizati stabilita sabie jitharsu l-interessi tal-annimali. L-esponenti gieli joffri Servizz tal-volontarju lill-SASG flimkien ma' ommu, izda l-involviment tieghu jieqaf hemm. L-esponenti jkun hemm biss sporadikament peress kull min jipppartecipa fit-tmexxija tal-attivita' jaghmel hekk fuq bazi ta' volontariat. L-esponenti jaf lil Pauline Reed bhala volontaria ohra, pero' ma giet qatt awtorizzata tercievi l-posta ghan-nom tieghu. Fil-fatt ir-rikors u avviz ta' smiegh qatt ma wasslu ghandu.*

*.....*

*F'dak ir-rigward jigi rilevat illi:*

- *L-esponenti la jghix u l-anqas ma jahdem fl-indirizz fejn saret in-notifika tal-kawza, u wisq anqas ma huwa l-post ta' negozju tieghu.*
- *L-indirizz fejn saret in-notifika ma huwiex l-indrizz postali tal-esponenti;*
- *Pauline Reed la hija l-prokuratur taghha u l-anqas ma hija awtorizzata minnha biex tercievi l-posta tieghu.*

*Illi l-artikolu 174 (2) d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi wkoll illi avviz prezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati ta' Malta ghandu jkun fih indikazzjoni xierqa u shiha tal-post ta' residenza jew negoziu tal-parti li kontriha talba jew l-att".*

*Illi l-attur tant kien jaf dak fuq spiegat illi fil-mandat ta' qbid ezekuttiv numerat 493/16 huwa indika s-segwenti bhala l-indirizz tal-esponenti - 5, Brandon Flats, Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar - li incidentalment huwa l-indirizz fejn kien jirrisjedi 10 snin ilu!!!*

*Illi l-esponenti ghalhekk gieghed jinvoka l-artikolu 81i (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex is-sentenza fuq citata tigi mhassra u l-kawza tigi ritrattata. Illi l-esponenti qieghed ghalhekk jattakka kemm il-parti disposittiva tas-sentenza kif ukoll dika l-parti taghha fejn il-Qorti qalet li l-esponenti kien gie debitament notifikat.*

*TALBA*

*Ghaldaqstant l-esponenti, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha illi, filwaqt li thassar is-sentenza moghtija fid-19 ta. Ottubru 2015 fl-ismijiet Raymond Zammit vs Christopher Vella (Avviz numru 168/2015 FD) minhabba li inghatat bi ksur tal-Artikolu*

*811(b) Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna r-ritrattazzjoni ta' l-kawza fl-ismijiet premessi skond il-Ligi.*

Rat ir-risposta ta' Raymond Zammit ippresentata fit 23 ta' Mejju 2016 fejn laqa ghal dak miltub mir-rikorrent billi eccepixxa s-segwenti:

*Illi t-talba ta Christopher Vella ghandha tigi michuda stante illi hija infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi fl-ewwel lok it-talba ta' ritrattazzjoni hija tardiva stante li ma saritx entro t-terminu ta' tlett xhur stipulat fl-Artikolu 818 tal-Kap. 12.*

*Hija qajla kredibbli li l-intimat ma giex notifikat u ma kienx jaf bil-kawza u dan stante illi kontestwalment mar-rikors promotur inhareg ukoll mandat ta sekwestru.*

*Apparti dan, l-esponenti jikkontendi illi l-intimat giet notifikat validament u kien ben konsapevoli bil-proceduri in kwistjoni u ghazel li ma jwegibx ghalihom.*

*Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.*

Rat l-atti tal-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv Nru 493/2016 ippresentat mir-rikorrent Christopher Vella (fol 24).

Semghet ix-xhieda ta' **Christopher Vella** moghtija fl-10 ta' Novembru 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Joan sive Jeanine Vella**, omm ir-rikorrent, moghtija fl-10 ta' Novembru 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Pauline Reed**, moghtija fl-10 ta' Novembru 2016.

Semghet il-kontro ezami ta' **Christopher Vella** moghtija fit-30 ta' Jannar 2017.

Semghet il-kontro ezami ta' **Joan sive Jeanine Vella**, omm ir-rikorrent, moghtija fit-30 ta' Jannar 2017.

Semghet il-kontro ezami ta' **Pauline Reed**, moghtija fit-30 ta' Jannar 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **Raymond Zammit** moghtija fl-10 ta' Lulju 2017.

Rat ix-xhieda tal-**Marixxal Eugenio Mallia**, migbura mill-Assistant Gudizzjarju Dr Elena Naudi Depasquale fil 25 ta' Awissu 2017.

Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' **Pauline Reed**, prodotta mill-intimat u moghtija fit 30 ta' Ottubru 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **Mark Grech**, prodott mill-intimat u moghtija fit 30 ta' Ottubru 2017.

Rat illi fit 30 ta' Ottubru 2017 il-kawza giet differita ghall-kontro ezamijiet u trattazzjoni finali.

Rat illi fis 27 ta' Novembru 2017 gie dikjarat illi ma kien hemm ebda provi ohra u saret it-trattazzjoni da' parte tal-konsulent legali ta' l-intimat Raymond Zammit.

Rat illi dakinhar il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-intimat kien nieda proceduri kontra r-rikorrent fit-12 ta' Gunju 2015 fl-ismijiet '**Raymond Zammit vs Christopher Vella**".

Jirrizulta illi fil-25 ta' Gunju 2015 l-atti tal-kawza fuq imsemmija mibghuta bil-posta gew notifikati lir-rikorrent Raymond Zammit izda ma gewx notifikati lill Christopher Vella, bir-riferta tindika "*unclaimed*" (vide fol 4 tergo tal-process originali).

Jirrizulta ili fil-21 ta' Lulju 2015 il-Marixxal tal-Qorti Eugenio Mallia mar jaghmel in-notifika fl-indirizz 5, Brandon Flats, Triq Gulju, San Pawl il-Bahar, izda notifika ma sehhet ghax, kif tindika r-riferta "*habbat u ma fetah hadd*". (vide fol 4 tergo tal-process originali).

Jirrizulta illi fil-5 ta' Ottubru 2015, fil-5 ta' Ottubru 2015 l-atti tal-kawza mibghuta bil-posta regghu ma gewx notifikati, bir-riferta timmarka "*unclaimed*" (vide fol 6 tergo tal-process originali).

Jirrizulta illi fis-6 ta' Ottubru 2015 l-intimat Christopher Vella gie notifikat bir-rikors u avviz tas-smiegh mill-Marixxal tal-Qorti Eugenio Mallia, li indika fir-reiferta li halla tali atti gewwa l-Qawra f'idejn Pauline Reed (ID 301654M). (vide fol 6 tergo tal-process originali).

Jirrizulta ili fil-15 ta' Ottubru 2015, bis-sahha ta' tali notifika, gew ippresentati kapitoli fil-konfront ta' Christopher Vella u, fid 19 ta' Ottubru 2015, wara illi l-istess Christopher Vella ma deherx, inghat sentenza kontra tieghu.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi fit-8 ta' Marzu 2016 ir-rikorrent, intimat fil-proceduri odjerni, Raymond Zammit, ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Qbid Ezekuttiv kontra Christopher Vella, illi sussegwentement gie ezegwit fuq vettura ta' Christopher Vella.

Jirrizulta illi sussegwentement, fit 28 ta' April 2016, ir-rikorrent fil-proceduri odjerni, Christopher Vella, intavola l-proceduri odjerni a tenur tal-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12, stante illi sahaq illi huwa qatt ma gie notifikat bl-atti tar-rikors originali illi ghalih inghatat sentenza fid 19 ta' Ottubru 2015.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrent Christopher Vella, fir-rikors promotur tieghu, jikkontendi dan li gej:

1. illi l-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv illi gie lilu notifikat ma kienx iffirmat minn Avukat;

2. illi huwa joffri s-servizzi tieghu ta' volontarju gewwa l-indirizz 'Charity Shop', Triq il-Qawra kantuniera ma' Triq in-Nawciera, Qawra flimkien ma' ommu;

3. illi huwa la jghix u lanqas jahdem fl-indirizz ‘Charity Shop’, Triq il-Qawra kantuniera ma’ Triq in-Nawciera, Qawra;

4. illi l-indirizz fejn saret in-notifika ma huwiex l-indirizz postali tieghu

5. illi Pauline Reed la hija l-prokuratur tieghu u lanqas ma hija awtorizzata tircievi l-posta tieghu

Jirrizulta illi ghal dawna r-ragunijiet kollha huwa talab illi s-sentenza ta’ dina l-Qorti tad-19 ta’ Ottubru 2015 tigi mhassra.

Jirrizulta illi l-intimat Raymond Zammit oggezzjona ghal tali talba u qal is-segwenti:

1. Illi t-talba ta’ ritrattazzjoni hija tardiva stante illi ma saritx entro t-terminu ta’ tlett xhur stipulat fl-Artikolu 818 tal-Kap 12;

2. Illi ma hijex kredibbli li l-intimat ma giex notifikat.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi l-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12 jipprovdi illi parti tista titlob li kawza tigi ritrattata wara li, qabel xejn, tigi mhassra dik is-sentenza,

> *jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża;*

Jirrizulta illi l-Artikolu 818 tal-Kap 12 jipprovdi illi,

> *Iż-żmien li fih tista' ssir it-talba għar-ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur, u jibda jgħodd –*
> *…*
>
> *fil-każ imsemmi fil-paragrafu (b), mill-ġurnata li fiha l-attur ikun ġie jaf bis-sentenza;*

Jirrizulta illi l-intimat Raymond Zammit intavola il-Mandat ta’ Qbid Ezekuttiv fit-8 ta’ Marzu 2016 u, ghalhekk hemm riferta tal-ezekuzzjoni da parte tal-Marixxal, ma jidhirx illi hemm indikat <u>**meta**</u> tali Mandat gie ezegwit.

Jirrizulta, madanakollu, illi l-proceduri odjerni inbdew fit-28 ta’ April 2016, ossija entro l-periodu ta’ tlett xhur mill-presentata tal-Mandat ta’ Qbid Ezekuttiv, u l-Qorti tippresumi illi r-rikorrent gie notifikat bil-Mandat f’data war ail-hrug ta’ l-istess Mandat – ghaldaqstant, l-eccezzjoni mqajjma mill-intimat Raymond Zammit illi l-azzjoni odjerna kienet tardiva ma tistax tintlaqa fil-kaz odjern.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi r-rikorrent qieghed jikkontendi illi n-notifika tar-rikors u l-avviz tas-smiegh kienu inkorretti stante illi mhux in linea ma’ dak rikjest fil-Ligi, precizament l-Artikolu 187.

Jirrizulta illi l-Artikolu 187 (1) jipprovdi li:

> *In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha.*

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent jghid li sar jaf bil-kawza odjern biss hekk kif il-Marixxal tal-Qorti mar sabiex jezegwixxi l-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv fuq il-vettura tar-rikorrent, liema Mandat gie ezegwit fl-indirizz 'Charity Shop', Triq il-Qawra kantuniera ma' Triq in-Nawciera, Qawra, fejn kien kemm ir-rikorrent kif ukoll il-vettura tieghu – vide fol 29.

Jirrizulta illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa ma jahdimx fil-hanut 'Charity Shop', Triq il-Qawra kantuniera ma' Triq in-Nawciera, Qawra u jkun hemm biss bhala voluntier sporadikament meta jkollhom bzonn illi jingarru xi oggetti.

Jirrizulta, madanakollu, illi omm ir-rikorrent, Joan Vella, tghid illi r-rikorrent binha jiehu hsieb il-hanut 'Charity Shop', Triq il-Qawra kantuniera ma' Triq in-Nawciera, Qawra illi huwa wiehed minn tlett hwienet illi ghandha l-ghaqda 'Stray Animal Support Group' li hija tamministra flimkien ma' voluntarji ohra.

Jirrizulta illi l-istess omm tikkonferma illi r-rikorrent Christopher Vella jiehu hsieb illi jigbor il-flus illi jidhlu fil-hanut minn zmien ghal zmien.

Jirrizulta ukoll illi Pauline Reed, illi rceviet l-atti tan-notifika tal-kawza fis 6 ta' Ottubru 2015, tistqarr illi hija kienet tixtri minn go dan il-hanut, fejn kienet issib lir-rikorrent Christopher Vella, li eventwalment hajjarha tidhol bhala volutiera biex tghin fit-tmexxija tal-hanut.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi Pauline Reed, meta xehdet l-ewwel darba fl-10 ta' Novembru 2016, stqarret illi meta gie l-Marixxal il-hanut, qalet lill-Marixxal li lir-rikorrent Christopher Vella ma tarahx izda l-Marixxal qalilha illi ma kienx dokument importanti u qalet lill-Marixxal illi ser thalli d-dokument hemm. (fol 38)

Jirrizulta illi meta l-istess Reed xehdet it-tieni darba, din id-darba in kontro ezami, fit-30 ta' Jannar 2017, stqarret illi wara li l-Marixxal hallielha l-karti ghal Christopher Vella, hija halliethom il-hanut u ma marritx ghal gimgha ghax telghet Ghawdex. Madanakollu, meta marret lura il-gimgha ta' wara, hija ma sabitx il-karti fejn halliethom. (fol 52)

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi l-Marixxal tal-Qorti, Eugenio Mallia, meta xehed quddiem l-Assistant Gudizzjaru minhabba f'indisposizzjoni fit-tul, stqarr illi Pauline Reed kienet cemplet lill-Christopher Vella quddiemu u avzatu bid-dokument illi kien thalla hemm ghaliha u Vella kien gharrafha li kien ser jghaddi ghad-dokumenti aktar tard. (fol 89)

Jirrizulta illi Pauline Reed, meta xehdet ghat-**tielet** darba, fit-30 ta' Ottubru 2017, qalet is-segwenti:

> *"Lil Chris ma niftakarx li cempiltlu dakinhar, imma kien cempilli Chris stess anzi, dik il-gimgha stess, u qalli, inti iffirmajtli xi karti?" Ghidtu iva, gie ragel u qalli dil-karta mhi xejn, biex inkun naf li waslet f'idejn Chris." (fol 97)*

Jirrizulta, fl-ahhar nett, illi impjegat ta' l-intimat, certa Mark Grech, ikkonferma illi kull meta huwa kien jigbor il-kera minghand ir-rikorrent tal-fond illi r-rikorrent kien jikri minghand l-intimat, huwa kien jikkomunika mieghu, u kien hemm hafna okkazzjonijiet fejn kien jghidu jmur il-hanut 'Charity Shop', Triq il-Qawra kantuniera ma' Triq in-Nawciera, Qawra fejn huwa kien qieghed u kien isibu qieghed hemm imexxi l-hanut hu. (fol 99)

**Ikkunsidrat**

Kif stqarret il-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Anthony Aquilina vs Avv Anthony H Farrugia et**" deciza fis 16 ta' Frar 2004, l-istitut ta' ritrattazzjoni:-

> *... huwa rimedju eccezzjonali nkwantu jikkostitwixxi deroga mir-regola generali li "res judicata pro veritate habetur". Konformement il-Qrati taghna dejjem sostnew li dan ir-rimedju tant straordinarju ghandu dejjem jigi ristrett ghall-kazi kontemplati fil-ligi u li tinghata interpretazzjoni ristretta tal-ligi. Fis-sentenza moghtija fis-26 ta' April, 1993, minn din il-Qorti, kif dak inhar komposta, fil-kawza Karmenu Mifsud Bonnici noe et vs John Scicluna noe et gie osservat li "L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wiehed specjalissimu li jippermetti li kawza tigi ezaminata ghat-tielet darba. L-organizzazzjoni ta' l-ordni gudizzjarju fl-istruttura taghha hija ta' zewg gradi– prim' istanza u appell – mentri r-ritrattazzjoni tintroduci t-tielet grad bhala mizura eccezzjonalissima intiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami ta' l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu issopravvenew, basta li f'ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunux dovuti ghan-negligenza procedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni.*
>
> *Din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Marzu, 1992 fil-kawza **Mark Causon vs Carmel Portelli noe et** b'rispett lejn il-principji hawn fuq enuncjati osservat li "Il-gurisprudenza taghna konstantement irriteniet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall- principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi ligi bejn il-kontendenti, u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il- gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il- gustizzja. Il-guristi Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima res judicata pro veritate habetur....Minn dak li ntqal isegwi li r-regoli li jiggvernaw ir-rimedju tar- ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima (Koll. Vol. XXVII – I – 818). Diversament, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombenti jkun jista' jerga jiftah il-kawza, u hekk, indirettament johloq ghalih tribunal tat- tielet istanza (Koll Vol.XLIII - I – 227) haga li mhux permessa mill-ligi."*

Jirrizulta car, fil-kaz odjern, illi, a differenza ta' dak illi qieghed jittenta jghid ir-rikorrent fir-rikors promotur, ossija illi huwa qatt ma kien jaf bil-proceduri illi kienu nbdew kontra tieghu minn Raymond Zammit u qatt ma gie korrettement skond il-Ligi, il-Qorti hija konventa li r-rikorrent kien

ben a korrent tal-proceduri illi kien hemm kontra tieghu u kien notifikat korrettement skond il-Ligi u ghalhekk ma saret ebda ingustizzja kontra tieghu meta nghatat sentenza kontra tieghu illi issa huwa qieghed jittenta jhassar.

Jirrizulta, di fatti, illi r-rikorrent kien jahdem, ghalkemm fuq bazi volontarja, gewwa tali hanut bl-isem ta' 'Charity Shop', Triq il-Qawra kantuniera ma' Triq in-Nawciera, Qawra, tant illi ommu stess qalet illi huwa kien responsabbli minn tali hanut u huwa kien jigbor il-flus illi tali hanut kien jiggenera minn zmien ghal zmien.

Jirrizulta illi tant kien jahdem hemm ir-rikorrent illi meta l-Marixxal mar sabiex jezegwixxi l-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv, ir-rikorrent instab gewwa l-hanut 'Charity Shop', Triq il-Qawra kantuniera ma' Triq in-Nawciera, Qawra.

Jirrizulta, finalment, illi gie ppruvat li Christopher Vella kien ircieva d-dokumentazzjoni relattiva u dana ghax, kif stqarret Pauline Reed, persuna totalment indipendenti mill-istess Vella, Christopher Vella kien cemplilha ftit jiem wara li rceviet il-karti, biex jistqasiha jekk hija kienetx iffirmat xi karti ghalih, indikazzjoni cara illi kien fil-pussess ta' l-istess karti illi l-Marixxal tal-Qorti kien halla ma' Pauline Reed u li l-istess Reed kkonfermat li kienet halliethom gewwa l-kaxxun u meta marret lura ftit jiem wara, ma sabithomx hemm.

Ghalhekk, il-Qorti ma hija bl-ebda mod konvinta illi r-rikorrent ma kienx a korrent tal-proceduri mibdija kontra tieghu u jirrizulta ben car illi r-rikorrent kien jahdem gewwa l-hanut, ghalkemm fuq bazi volontarja, u ghalhekk gie debitament notifikat kif trid il-Ligi.

## Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet maghmulha quddiemha,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** it-talba ta' thassir u eventwali ritrattazzjoni tas-sentenza deciza fid-19 ta' Ottubru 2015 fl-ismijiet '**Raymond Zammit vs Christopher Vella**'.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni ikun a kariku tar-rikorrent Christopher Vella.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur